MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 554/1998/1

**S & M Schembri Limited**

**Vs**

**John G Cassar Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm308.50 (tlett mija u tmin liri Maltin u hamsin centezmu) rappresentanti bilanc dovut lis-socjeta' attrici fuq bejgh ta' toys in bulk lis-socjeta konvenuta kif miftiehem bejn il-partijiet (Dok A).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Frar, 1998, u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Marzu, 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-anness dokument markat Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (fol 7 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez, stante li s-somma pretiza mhix dovuta peress illi l-merkanzija mibjugha kienet danneggiata.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, skond kif xehed Silvio Schembri direttur tas-socjeta attrici (fol 11 et seq ibid) din is-socjeta kienet l-agent hawn Malta, ta' zewg socjetajiet esteri u kien sar ftehim, bil-miktub sabiex 'nghaddu' lis-socjeta konvenuta, ir-rappresentanza, hawn Malta tal-istess socjetajiet esteri kif ukoll jbieghu l-gugarelli kollha li kienu ghandhom detenuti mis-socjeta attrici lill-istess socjeta konvenuta. Difatti din il-kawza tirreferi ghall-bejgh ta' dawn il-gugarelli 'in bulk'. Ix-xhud spjega li rapprezentanti tas-socjeta konvenuta kienu esaminaw dawn it-'toys' u 'tawna huma stess il-prezz taghhom'. L-istess kien gara meta kien qed jsir 'stock taking' ta' dawn l-oggetti u 'dak li dehrilhom li ma kienux tajjeb irrifjutawh', '… hadu dak li accettaw' u irrifjutaw 'dak li ma kienx tajjeb per esempju oggetti f'kaxxi mghaffgin'. In rigward l-istess oggetti, f'dan l-istadju, dawn kienu ".. ghadhom maghluqin godda fjamanti" fil-kaxxi taghhom u s-socjeta attrici kkalkolat il-prezz a basi tal-kwantita. Sussegwentement, is-socjeta konvenuta skopriet li kien hemm xi danni u ghalhekk il-prezz kien gie ridott ghal Lm308. Izda is-socjeta attrici irrifjutat dan il-prezz peress li kien, di gja, ghadda l-perijodu ta' sena u

"… huma kienu gja raw ix-xoghol qabel ma saret il-konsenja" (ara l-anness ftehim a fol 14 u fol 15 tal-atti kif ukoll il-prospett a fol 3 tal-istess atti) b'mod specjai l-paragrafi 3 u 4 specifikati fl-istess ftehim) Dwar il-premess, Marceline Schembri mart ix-xhud precedenti u b'referenza ghall-paragrafu 3 tal-ftehim imsemmi spjegat li l-gugarelli kienu imnizzlin fi ftehim separat u hawnhekk, irreferit ghal anness Dok D1 a fol 23 tal-atti. Inoltre hi enfazizzat kemm kien sar tnaqqis fil-prezz tal-istess oggetti, liema prezz kien gie ffissat u miftiehm fuq il-prezzijiet moghtija mill-istess konvenut, John G Cassar. Inoltre "… certi affarijiet li ma gewx ivverifikati waqt l-'stock taking' gew ivverifikati wara stante li dawn intbaghtu lura" …. u dawn tal-ahhar "… ma jifformaw(x) parti minn din il-kawza, liema kawza tirreferi biss ghal dak li ghadu fil-pussess jew li baqghu fil-pussess tal-konvenut nomine" (ara ukoll il-korrispondenza esebita in foto kopja minn fol 20 sa fol 22 ibid u a fol 25 u fol 26 ibid).

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta konvenuta permezz tax-xhieda ta' Simon Micallef u Mark Gregory (a fol 28 u fol 32 et seq ibid) jsostni ili wara li kien sar 'stock taking', li kien intlahaq fil-ftehim finali, li kienet saret il-konsenja, is-socjeta konvenuta indunat ".. wara xi ftit xhur … illi parti mill-gugarelli li kienu jiffunzjonaw permezz ta' batterija jew makkanikament, ma kienux effettivament jiffunzjonaw". Dan kien gie skopert meta l-istess "toys" gew irritornati lura mill-klijenti tas-socjeta konvenuta minhabba mal funzjonament. Meta gara hekk, is-socjeta konvenuta kitbet lil dik attrici l-ittra a fol 31 tal-atti u li di gja, filfatt, giet esebita mill-imsemmija Marceline Schembri u li tinsab a fol 25 ibid. F'din l-ittra jinsabu elenkati t-'toys' difettuzi u mal funzjonanti. Dwar dan hu semma illi "Fil-kuntratt originali nizzilna klawsola li 'damaged and shop soiled goods will not be purchased" waqt li asserixxa ukoll, li "Ma nahsibx li konna nixtru dawn it-toys kieku konna nafu li ma jiffunzjonawx".

Ikkunsidrat

Illi dwar din il-vertenza, il-Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 1390 u l-artikolu 1424 u 1427 tal-Kodici Civili. In rigward l-istess artikoli, il-Qorti tara li l-eccezzjoni kif proposta ma tirreferix ghal x'kienet da parti tas-socjeta konvenuta in rigward il-'kwalita pattwita'. Difatti fl-eccezzjoni in esami, tissemma "… merkanzija mibjugha (li) kienet danneggiata". Ghalhekk jidher car illi s-socjeta konvenuta kienet qed tirreferi ghall-garanzija moghtija mill-ligi in konnessjoni, ma difetti mohbija w ir-rimedji disponibbli ghas-socjeta konvenuta taht l-artkoli 1424 u 1427 gja imsemmija. Hawnhekk ghandu jinghad illi l-artikolu 1427 jaghmilha cara illi s-socjeta konvenuta kellha d-dritt li tistitwixxi z-zewg azzjonijiet hawn specifikati. Dan jfisser, b'mod car, illi dak li hu specifikat fl-eccezzjoni in esami ma setax jigi sollevat "per eccezione" izda 'per azione' skond ir-regoli l-ohra tal-Kodici Civili. Konsegwentement, din l-eccezzjoni ma tistax tigi konsiderata minn din il-Qorti u ghandha tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi tenut kont ukoll illi ma giet sollevata ebda eccezzjoni ohra, jidher mill-provi kif hemm fuq sintetizzati, li t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba attrici, filwaqt li tichad l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm308.50,0 bl-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta' Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Frar 1998.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------